# BAĦ ĦARA

Kien ilhom seba' snin ma jmorru fuq il-baħar, u għad li ma kellhom ebda għelt u taħbit, għalihom kienu seba' snin twal, fiergħa, neqsin minn xi ħaġa. Iż-żmien kien għamel bihom; ma kenux jifilħu iżjed għax-xogħol; wara ħajja twila fuq il-bastimenti, dawn it-tliet baħrin sabu ruħhom mifruda minn l-egħżeż ħaġa li kellhom u li ħabbew forsi aktar minn art twelidhom. Kemm kien sabiħ għalihom il-baħar; fil-bnazzi u fil-qilla tiegħu kien isaħħarhom u jiġbidhom lejh. L-isbaħ ġranet ta' ħajjithom kienu dawk li għaddew flimkien fuq vapur wieħed; u meta ma setgħux igħixu iżjed hekk, marru joqogħdu f'dar żgħira mhux bogħod mill-baħar.

Fuqhom kienet għaddiet tibdila li ma bħalha. Dawk iż-żgħażagħ mimlija bis-saħħa, dejjem imhejjija għax-xogħol u għat-tiġrib, bla qatt ma jħossu mard jew għejja, saru xjuħ bla ħila, bil-kemm jifilħu jimxu, imregħda, maħqura mill-bard u l-irwiefen.

Mhux għalhekk iżda kienu jħossu ruħhom imdejqa; ma kenux jindunaw kemm ftit kienu jifilħu u ma setgħu qatt jifhmu xi tfisser it-tbissima ta' min kien jisma dak li riedu jagħmlu.

Għad li huma tbiddlu, ma kenux tbiddlu x-xewqat tagħhom. Dejjem baqgħu jixtiequ jitilqu għal xi safra twila bħal dawk ta' żgħożithom, u biex jibqgħu b'xi mod marbutin mal-baħar, ġew joqogħdu ħdejh, jistennew lil min jiġi minn fuqu, u jdawluh bil-lejl b'lampa kbira mqegħda fit-tieqa. Fil-kmajra tagħhom kienu jżommu bosta ħwejjeġ li jfakkruhom fil-pajjiżi l-oħra u fil-baħar; mad-daqqa ta' għajn kont tara li ħadd ħlief xi baħri ma sata' joqgħod hemm. Barra minn ħbula mkebba, stampi ta' vapuri, għodda tas-sajd—qasab, xolfa, snanar, rix, ċomb, kollox mixħut ħorrox borrox f'rokna—kien hemm senduq kbir ġo fih bċejjeċ tal-fidda, ħaġar midmum, ħoloq kbar b'kitba barranija, ġarra sabiħa imma qadima tajba għal Mużew, ankra miksura, erba' idoli jwaħħxu donnhom qegħdin jistennew il-qima lilhom imċaħħda, u ħafna ħwejjeġ oħra li huma kienu jgħożżu u kull tant juruhom lin-nies li jkunu semgħu l-ġrajja tagħhom. B'dan kollu ma kenux ħienja. Għaliex? Fin-nies ta' ma' dwarhom ma setgħu jgħidu xejn, għax kienu jħobbuhom; Marietta kienet siqwit tatihom daqqa ta' id filli jeħtieġu, talli kienu fejqulha lil binha, b'duwa li saru jafu biha fis-safar; Ġamri arah ġej kull tant b'xi erba' ħutiet sbieħ, "għax" kien igħid, "li ma kenux dawk it-tliet baħrin li wrewni kif insewwi l-kajjikk, u x'nagħmel biex ix-xbiek ma jitqattgħux malajr, ma nafx il-lum kienx ikolli

x'niekol," għax Ġamri ma kellux min igħallmu s-sengħa tassajd; il-kbar kienu jaqblu magħhom filli dari d-dinja kienet wisq aħjar; it-tfal kienu jduru magħhom kull fejn jarawhom, isejħulhom "nan" u jitolbuhom igħidu l-istorja tat-taqbida mal-Franċiżi, tal-għarqa ħdejn l-Amerka, tal-ħelsien tagħhom mill-gżira tas-salvaġġi, u t-tlieta ħallihom jieħdu gost jiftakru b'għemilhom u jżiduh ukoll. Billi ħadd f'dawk l-inħawi ma kien ixjeħ minnhom, ħadd ma sata' jmerihom fi ħwejjeġ li huma biss kienu jiftakru. Tismagħhom jitkellmu fuq Napuljun, kont tgħid li fl-aħħar mill-aħħar ma kien għamel xejn biex jistħoqqlu dak il-ġieħ kollu; għax għal dawn il-baħrin is-suldati ma jiswew xejn ħdejhom, u la daaba Napuljun kien ġeneral, ma sata' qatt jagħmel ħwejjeġ kbar; u kullħadd kien jaqbel magħhom, barra miż-żgħażagħ, li moħhom minıli bil-kobor tal-gwerra, ma kenux jaħsbu ħlief f'taqbid, rebħ u wnuri. U l-baħrin tagħna, iħarsu lejn dawn iż-żgħażagħ imħeġġa, kienu jiftakru fiż-żmien li fih kienu ħienja,bla ħsieb ta' xejn u jsaqsu lilhom infushom għaliex issa ma kienu qatt imxebbgħa u fil-paċi.

Huma kienu mdorrijin fil-kobor, fil-beraħ, u sabu ruħhom mdejqin fuq l-art; li kienet tidrilhom żgħira wisq, u iżjed u iżjed żgħira kienet il-kamra tagħhom; għad li kellhom kull ma jeħtieġu ma kellhomx sabar, baqgħu dohnhom qegħdin jistennew xi ħaġa li qatt ma għarfu jfissru.

Min jaf? Għandu mnejn għaliex qatt ma kienu għarfu sewwa lil Dak li Tiegħu raw ix-xbieha fil-kobor, fil-ġmiel u filqawwa tal-baħar.

MARY CARUANA